31976R0374



# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 374/76
## tas-17 ta' Frar 1976
## li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 2750/75 dwar il-proċedura ta' mobbilità taċ-ċereali li jridu jiġu suppliti bħala għajnuna ta' ikel għall-benefiċċju tar-Repubbliku Lebaniża

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali [1], kif emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3058/75 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 359/67/KEE tal-25 ta' Lulju 1967 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq tar-ross [3], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 668/75 [4], u partikolarment l-Artikolu 23(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi huwa mixtieq illi f'ċerti każijiet eċċezzjonali, iċ-ċereali li jridu jiġu suppliti lir-Repubblika Lebaniża bħala għajnuna ta' ikel, għandhom jiġu mobilizzati permezz ta' proċedura suffiċjentement flessibbli u rapida;

Billi l-użu tal-proċedura tas-sejħa għall-oggerti, kif ipprovdut fl-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2750/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li tistabbilixxi l-kriterji għall-immobbilizzar taċ-ċereali li jridu jiġu suppliti bħala għajnuna ta' ikel [5], mhux dejjem tippermetti l-obbjettivi tal-flessibbiltà u l-veloċità li trid tintlaħaq; billi għandu jkun konsegwentement possibli li tiġi applikata proċedura oħra,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2750/75, għandu jkun possibli li wieħed jirrikorri għall-proċedura oltre dik tas-sejħa għall-offerti, sabiex jiġi supplit fl-istadji tal-*fob* jew *cif* (jew li jikkorrispondu) taċ-ċereali u/jew ir-ross supplit bħala għajnuna ta' ikel lir-Repubblika Lebaniża għall-benefiċċju ta' dawk affettwati mill-ġrajjiet riċenti.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Frar 1976.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. HAMILIUS

---

(1) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, pġ. 1.
(2) ĠU L 306, tas-26.11.1975, pġ. 3.
(3) ĠU L 74, tal-31.7.1976, pġ. 1.
(4) ĠU L 72, ta' l-20.3.1975, pġ. 18.
(5) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, pġ. 89.